# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-18 ta' Frar 2020**

Appell numru 126 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Charles ABELA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-24 ta' April 2019 fil-konfront ta' Charles ABELA detentur tal-karta tal-identità bin-numru 82679M fejn ġie mixli talli f'Lulju 2011 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, fil-kapaċita tiegħu personali kif ukoll fil-kapaċita tiegħu ta' direttur jew wieħed mid-diretturi ta' Elevators DC Company Limited u ECO Export Company Limited, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u

li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, (in suċċint) ikkommetta d-delitti ta' truffa jew frode innominata bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll tad-delitt t'approprjazzjoni indebita kwalifikata ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali u dan a dannu ta' Roberto Bartolo u David Emmanuel Farrugia fl-ammont ta' ċirka wieħed u sittin elf euro (€61,000).

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, ikkunsidrat li :
   (a) l-operat tal-imputat appellant, kemm fil-kapaċita tiegħu personali kif ukoll bħala direttur tas-soċjetajiet imsemmija kien wieħed ferm laxk u mhux stutturat. Minħabba li l-operat tiegħu kien immexxi b'dan il-mod, il-Qorti tal-Maġistrati qieset li ma kienx sorprendenti li r-riżultat imbagħad ikun wieħed konfużjonali. F'dan l-isfond ta' konfużjoni ġew milquta negattivament l-interessi ta' David Farrugia u Roberto Bartolo. Biss il-Qorti tal-Maġistrati ma qiesetx li dan ix-xenarju kien jintegra r-reat ta' truffa jew frode innominata in kwantu minn imkien ma rriżultalha li Farrugia jew Bartolo ġew b'xi mod imqarqa jew ingannati fit-termini tal-Liġi penali. U ladarba ma kienx jirriżultalha l-element tal-ingann, dik il-Qorti qieset li ma setgħetx issib ħtija ta' truffa jew frode innominata. Qalet ukoll li pendenzi ta' natura ċivili li kellhom Farrugia u Bartolo f'dan il-każ fil-konfront tal-imputat appellant kienu materji li kellhom jiġu deċiżi mill-Qorti kompetenti. Il-Qorti tal-Maġistrati qalet ukoll li :

Il-Qorti tosserva li l-kwistjoni tal-erba cekkijiet li gew referred to drawer ma hi ta' ebda effett fuq ir-reat ta' frodi f'dan il-kaz; dawn l-erba cekkijiet kienu nhargu sabiex jithallas lura Roberto Bartolo, li minn naha tieghu ma kienx ghadda l-flus lill-imputat in kambju ghac-cekkijiet.

(b) Minn naha l-ohra, kwantu ghall-approprijazzjoni indebita (inkluz dik aggravata), din il-Qorti tfakkar li dan ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profit ghalieh jew ghal haddiehor. Irriżulta, kif inghad, illi l-imputat kien ircieva flus minghand Roberto Bartolo. L-imputat ma onorax l-obbligu tar-radd peress illi kif irrizulta, hwa ta lil Roberto Bartolo erba cekkijiet li pero gew referred to drawer. Certament li l-flus li kien irceiva, l-imputat kien uzahom a beneficcju tieghu. Madanakollu, ma harigx car mill-provi jekk l-imputat kienx ircieva dawn il-flus ghall-uzu tieghu personali jew jekk kienx ircevihom minhabba x-xoghol tieghu li kien jiggestixxi. Konsegwentement mhux applikabbli l-Artikolu 294 tal-Kapitolu 9. Bhala konsegwenza, dan il-fatti rizultanti jgibu lill-imputat passibbli ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita fil-konfront ta' Roberto Bartolo.

3. Illi kien għal dawn il-motivi l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputat appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni minnhoa illiberatu filwaqt li sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni ta' approprjazzjoni indebita mingħajr l-aggravanti msemmi fl-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali u kkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal sena mid-data tas-sentenza kif ukoll emanat ordni ta' kumpensfl-ammont ta' ħdax il-elf, mitejn u ħamsa u għoxrin euro (€11,225) bħala kumpens għat-telf soffert minn Roberto Bartolo pagabbli fi żmien sitt xhur mid-data ta' dik l-ordni.

4. Illi minn din is-sentenza, l-Avukat Ġenerali ma interpona ebda appell. Mill-banda l-oħra l-imputat Charles Abela appella permezz ta' rikors datat 6 ta' Mejju 2019 fejn talab ir-riforma ta' din is-sentenza billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u li minnha lliberatu, filwaqt li tħassarha f'dik il-parti

fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija sospiżi għal sena, kif ukoll fl-ordni ta' kumpens imsemmi. Sussidjarjament talab li jekk dak l-aggravju ma jiġix milquh, li tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta u tar-rifużjoni tal-ħlas billi timponi piena aktar ekwa u ġusta. L-appellant ressaq żewġ aggravji li huma :

(a) F'dan il-każ ma kienux jissussistu l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qorti għamlet apprezzament skorrett tal-fatti u skartat it-teżi tad-Difiża li f'dan il-każ kien hemm self minn Roberto Bartolo versu appellant. L-appellant jisħaq li huwa kien ħallas lura s-self permezz ta' cheque wieħed ta' tnax il-elf euro (€12,000) li kien jirrimpjazza dawk l-erba' ċekkijiet li kienu ġew *referred to drawer*. L-element tal-approprjazzjoni għalhekk kien nieqes. F'dan il-każ ukoll il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova kif l-appellant, skont it-teżi tal-Prosekuzzjoni, kien għamel il-konverżjoni tal-ħaġa mogħtija lilu bl-obbligu tar-restituzzjoni tal-oġġett mogħti lilu mis-suġġett passiv tar-reat bil-bona volonta tiegħu. F'dan il-każ l-appellant itenni li l-ammont ta' tnax il-elf euro kien ġie depożitat f'kont tal-kumpanija tal-kwerelant.

(b) Il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti kienet waħda ta' natura ċivili in kwantu d-dejn li kien hemm bejniethom kien jitnissel minn self ta' flus li kien sar qabel bejn il-partijiet.

5. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat:***

6. Dan l-appell jistrieħ prinċipalment fuq apprezzament tal-provi prodotti u interpretazzjoni tal-Liġi applikabbli. Din hija Qorti ta' Ġustizzja Kriminali, u li tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-funzjonijiet ta' Qorti tal-Appell Kriminali ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

7. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

8. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

9. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

10. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004;

11. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

12. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

13. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

14. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

15. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

16. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

17. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

18. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

19. Meta l-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, sabiex tasal li ssib ħtija fl-imputat il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

20. Il-grad ta' suffiċjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

---

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.

21. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

22. Sabiex tara jekk dan il-livell ta' sufficjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

23. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura,

[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

24. Biss, kif intqal aktar il-fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha, inkluż setgħet tara u tisma' lill-appellant jixhed – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xiehda tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xiehda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu.

25. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

*Ikkunsidrat : -*

26.Illi għall-ħabta ta' Marzu 2010 Roberto Bartolo u l-appellant kienu ftehmu li l-appellant idaħħal lill-Bartolo sħab f'negozju ġdid li kien bi ħsiebu jimbarka fuqu l-appellant. Il-ħsieb kien li jibdew jesportaw materjal riċiklabbli barra minn Malta. Bartolo kien beda jmur jgħin lill-appellant fil-parti amministrattiva ta' dan in-negozju l-ġdid. Jgħid li hu ma kienx reġistrat bħala impjegat mal-appellant jew mal-kumpanija tiegħu Elevators D.C Limited,[10] iżda kien ġie ingaġġat b'riferenza għax-xogħol tal-esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli. Bartolo jgħid li huwa ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju tal-kumpanija Elevators D.C Limited, u l-appellant qatt ma ħalsu jew taħ flus.

27.Bartolo jtenni li l-kuntatti kollha barra minn Malta fir-rigward tax-xogħol tal-esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli kienu kollha f'idejn l-appellant. L-appellant kien beda jagħmel dan in-negozju ġdid tramita l-kumpanija li kellu diġa mwaqfa Elevators D.C Limited bl-intendiment pero li dan in-negozju kellu imbagħad jiġi maqlub fuq Eco Export Limited. Minn naħa tiegħu Bartolo kien jagħmel il-kuntatti meħtieġa f'Malta ma dawk li kien ikollhom materjal riċiklabbli li setgħu jiġbruħ għall-esportazzjoni.

28.Għalkemm ix-xogħol t'esportazzjoni relattiv tal-materjal riċiklabbli beda qabel ma ġiet reġistrata l-kumpanija Eco Export Limited

[10] Dan ġie korroborat ukoll mix-xiehda ta' David Farrugia.

f'Ġunju 2010, u kienu saru xi tliet konsenji, il-flus li kienu ġew imħalsin għal dawn il-konsenji kienu ġew riċevuti fil-kont bankarju ta' Elevators D.C Limited mal-Lombard Bank. Dawn il-ħlasijiet kienu jlaħqu total ta' mija tlieta u tletin elf euro (€133,000). Biss minnhom riedu jitnaqsu l-ispejjeż, li kienu jammontaw għal madwar disgħin elf euro (€90,000). Il-profitti li jifdal kellhom jiġu maqsuma bejn Abela, Bartolo u Farrugia, in kwantu sħab f'dan in-negozju t'esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli. Bartolo jisħaq li huwa ma kienx jaf x'sar minnhom dawn il-flejjes. Biss huwa ma kellux aċċess għall-kontijiet bankarji jew finanzjarji ta' Elevators D.C Limited.

29. Bartolo jgħid li għalkemm huwa kien sħab fin-negozju tal-kumpanija Eco Export Limited, huwa ma kienx ħareġ flus biex din il-kumpanija ġiet imwaqfa f'Ġunju 2010. Bartolo jgħid li huwa ma kienx ħareġ flus l-anqas għat tliet konsenji t'esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli li kienu għamlu bi sħab u li tiegħu kien sar it-trasferiment ta' €133,000 fil-kontijiet ta' Elevators D.C Limited. Kien jaf pero li dawn il-€133,000 kienu tħalsu mill-kumpanija barra minn Malta direttament fil-kont ta' Elevators D.C Limited minħabba li huwa kellu l-karti tal-bank u kien jara ċ-ċekkijiet. Bartolo jgħid ukoll li l-bilanċ li kien għad fadal meta kellhom jitnaqsu l-ispejjeż, kellhom jibqgħu fil-kumpanija biex din tibqa' għaddejja ġaladarba kienet għadha fil-bidu tagħha.

30. Bartolo iżda jisħaq li l-akbar tħassib li huwa kellu kien minħabba flus li huwa kien silef lill-appellant wara li dan kien jitolbu l-flus għal affarijiet personali tiegħu. Għal dawn is-self l-appellant kien ħariġlu erba' ċekkijiet li pero qatt ma ssarfu għax l-erba' l-huma ġew *referred to drawer*. Bartolo jgħid li dawn il-flejjes kien silifhom lill-appellant għal raġunijiet personali meta dan kien jgħidlu li kien qiegħed xott mill-likwidita', ġieli minħabba li ried iħallas il-*credit card*, u drabi oħra sabiex iħallas l-impjegati li l-appellant kellu miegħu. Iċ-ċekkijiet preżentati mill-appellant lil Bartolo kienu dejjem ikunu iffirmati mill-appellant. Bartolo jgħid li huwa kien silef xi tlett elef euro lill-appellant biex dan jixtrihom materjal, iżda Bartolo dan il-materjal qatt ma raħ. Dwar il-kumplament tal-flus, a fol 44 et, Bartolo jgħid li *l-oħrajn kollha bil-Malti ċuċata hekk, jitlobni l-affarijiet l-hemm u l-hawn*. It-total ta' dawn iċ-ċekkijiet li skont Bartolo kienu jirrapreżentaw il-ħlas lura mingħand l-appellant għas-self li kien itiħ kien jammonta għal ħdax il-elf mitejn ħamsa u għoxrin euro (€11,225).

31. Bartolo jilmenta li huwa qatt ma rċieva ħlas jew flus mingħand l-appellant. Huwa kien qabbad Avukat biex jagħmillu r-riċerki iżda qatt ma wasal li jagħmel kawża ċivili kontra l-appellant minħabba l-fatt li huwa kien għamel diġa ħafna telf u spejjeż u ma riedx li jkompli jagħmel aktar spejjeż. Huwa kien għamel kwerela mal-ispettur Maurice Curmi rigward l-allegat truffa u approprijazzjoni indebita li waslu għal dawn il-proċeduri. Huwa jgħid li bħala prova tal-fatt li huwa kien silef il-flus lill-appellant kellu ċ-ċekkijiet li kienu ġew *referred to drawer*, u li qatt ma ssarfu.

32. David Farrugia xehed li huwa kien fi sħab mal-appellant fil-kumpanija Elevators D.C Limited, iżda irriżenja minn direttur ta' din il-kumpanija f'Novembru 2010. Farrugia jgħid li jaf lil Robert Bartolo u kien jaf ukoll li Bartolo kien silef xi flejjes lill-appellant. Jixhed li darba minnhom kien preżenti meta l-appellant kien talab lil Bartolo biex jisilfu xi flus u Bartolo kien ftiehem miegħu li jislifhomlu. Farrugia jgħid ukoll li hu kien jaf li kien hemm xi flus li kienu ġew neqsin mill-kumpanija Elevators D.C Limited, u kellu dubju kemm l-appellant kien irritorna l-flejjes lura lil-kumpanija Elevators D.C Limited. Minkejja dan l-ilment, hu ma kienx ikkwerela lill-appellant dwar dan.

33. Farrugia jikkonferma li Roberto Bartolo kien daħal fix-xena meta kienu bdew kumpanija żgħira oħra fuq materjal riċiklabbli intiż għall-esportazzjoni. Kienu għamlu dan in-negozju flimkien xi tliet darbiet. Għal dan ix-xogħol huma kienu tħalsu mill-klijenti barranin. Il-flus kienu ġew transferiti direttament fil-kont tal-kumpanija Elevators D.C Limited u mhux fil-kont tal-kumpanija Eco Export Limited. Farrugia jixhed li Roberto Bartolo kien jaf li l-flus minn dan in-negozju kienu ser jidħlu fil-kont ta' Elevators D.C Limited. Iżda għalkemm kienu bl-intiża li dawn il-flejjes imbagħad jiġu trasferiti fil-kont bankarju ta' Eco Export Limited, spiċċaw biex qatt ma rnexxielhom jaqilbuhom. L-appellant kien dejjem jippostponi u kien jgħidlu *issa nagħmluhom, issa nagħmluhom*. Biss huwa jaf li l-ammont ta' flus li kien hemm minn dan in-negozju ma kienx kbir. Farrugia jixhed li huwa ma kienx ħareġ flus meta ġiet

imwaqfa l-kumpanija Eco Export Company Limited, għalkemm kien ħareġ il-flus meta kien daħal azzjonist u direttur fil-kumpanija Elevators D.C Company Limited fl-2008. Farrugia jikkonferma wkoll li kien għadu ma ħax flus mill-kumpanija Eco Export Limited in kwantu din il-kumpanija kienet għadha se tibda.

34. Farrugia itenni wkoll li għalkemm Roberto Bartolo kien beda jkun involut fix-xogħol mal-appellant, Bartolo ma kienx fuq il-*payroll* tal-kumpanija Elevators D.C. Limited, u ma kienx reġistrat impjegat tagħha. Farrugia jipprotesta li huwa kellu jieħu l-flus mingħand l-appellant. Wara li f'Novembru tal-2010 huwa kien irriżenja minn direttur, l-appellant kien waqqaf l-operazzjonijiet tal-kumpanija Elevators D.C Limited u baqgħu ma kienux għamlu il-konteġġi. Farrugia ma kienx jaf kemm kien is-sehem tiegħu minn din il-kumpanija.

35. L-appellant minn naħa tiegħu ma xehedx f'dawn il-proċeduri, iżda kien irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Maurice Curmi.[11] Huwa jammetti li f'Marzu 2010 kien għamel proposta lil Roberto Bartolo biex dan jidħol sħab miegħu u ma Farrugia f'negozju ġdid intiż għall-esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli. L-ewwel biċċa xogħol t'esportazzjoni kienet saret fl-*ewwel xhur* tal-2010. Roberto Bartolo ma kienx involut f'dan ix-xogħol t'esportazzjoni ta' materjal riċiklabbli bħala sieħeb, iżda bħala impjegat. L-appellant qal li Bartolo daħal fis-sħubija u fin-negozju tal-esportazzjoni tal-

[11] A fol 128 ġie verbalizzat li l-appellant ma kienx qiegħed jikkontesta din l-istqarrija.

materjal riċiklabbli f'Lulju jew Settembru 2010. Għalkemm kienu ġew riċevuti xi flejjes għall-esportazzjoni ta' dawn it-tliet jew erba' *containers* materjal, l-appellant jgħid li ma kienx ċert jekk il-qliegħ kienx jammonta għal ħamsin elf euro (€50,000). Fi kwalunkwe każ l-ammonti kienu żgħar u dawn *suppost* daħlu fil-kont tal-kumpanija. Iżda jtenni wkoll li Bartolo ma kellux sehem fihom in kwantu dawn il-flejjes kienu jirrigwardaw perjodu qabel ma Bartolo kien sieħeb fin-negozju u għax-xogħol *part-time* li kien għamel Bartolo kien jiġi mħallas ħames mitt euro fix-xahar.

36. L-appellant innega li Bartolo kien silfu ħdax il-elf euro (€11,000). Iżda meta ġie konfrontat mill-Ispettur Curmi bl-erba' cheques li kienu ġew *referred to drawer*, l-appellant jgħid li għalkemm dawn kien ġew mibgħuta lura lill-mittent, huwa xorta waħda kien ħallas lill-Bartolo permezz ta' *cheque* ieħor fl-ammont ta' tnax il-elf euro (€12,000) li kienu ġew depożitati fil-kont tal-kumpanija ta' Bartolo.

***Ikkunsidrat : -***

37. Illi l-Qorti tal-Maġistrati emnet il-verżjoni tal-fatti rakkuntata mill-kwerelant, f'aspetti varji korroborata mix-xiehda ta' David Farrugia. Dik il-Qorti setgħet tagħmel dan minħabba li l-attendibbilita tal-verżjoni tal-appellant fl-istqarrija tiegħu hija meruta fuq diversi aspetti saljenti kemm mix-xiehda ta' Bartolo u kif ukoll dik ta' Farrugia.

38. Din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati biss tar-reat ta' approprijazzjoni indebita u mhux ukoll bir-reati ta' frodi. Minn din il-liberatorja l-Avukat Ġenerali ma interpona ebda appell u allura din il-Qorti hija preklużа milli tidħol fuq jekk l-operat u l-manuvri tal-appellant kienux frawdolenti o meno. Il-Qorti tal-Maġistrati skontat l-episodju tal-erba' ċekkijiet li ġew *referred to drawer* bħala t'ebda effett fuq ir-reat ta' frodi in kwantu tgħid li dawn inħarġu biex jitħallas lura Roberto Bartolo li minn naħa tiegħu ma kienx għadda l-flus lill-imputat in kambju għaċ-ċekkijiet.

39. Għalkemm fuq dan il-punt, din il-Qorti ma tista' tagħmel xejn, tħoss li għandha tirrimarka li mill-provi prodotti, minkejja ċ-ċaħda tal-appellant fl-istqarrija tiegħu, din il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-Liġi li Bartolo kien verament silef ammont ta' flejjes lill-appellant. Ġie pruvat soddisfaċentement li l-appellant kien iffirma erba' ċekkijiet f'isem Roberto Bartolo. Dil-Qorti persważa li dawn iċ-ċekkijiet ġew iffirmati mill-appellant għal xi raġuni u mhux għalxejn. Il-kwistjoni ta' jekk il-ħruġ ta' dawn iċ-ċekkijiet kienx magħmul f'kuntest u taħt ċirkostanzi li jindika intenzjoni frawdolenti ġiet eskluża mill-Qorti tal-Maġistrati. Biss żewġ ċekkijiet ġew maħruġ fit-30 ta' Lulju 2010 mill-kont personali tal-appellant fl-ammont totali ta' elf tliet mija ħamsa u għoxrin euro (€1325) meta dan il-kont kien ġie magħluq mill-Bank fis-16 ta' Lulju 2010 – jiġifieri ġimgħatejn qabel ma nħarġu dawk iċ-ċekkijiet. Mill-banda l-oħra ċ-ċekk ta' tmint elef u disa' mitt euro (€8,900) datat 10

ta' Marzu 2011 maħruġ mill-kont ta' Elevators D.C Limited mill-kont ta' Lombard Bank kien maħruġ meta dal-kont kien diġa milqut minn mandat ta' sekwestru li kien iġib in-numru 632 tal-2011. L-aħħar cheque t'elf euro (€1000) kien maħruġ mill-kont personali tal-appellant u martu mal-Bank Banif iżda jirriżulta wkoll li ġie *referred to drawer*, għalkemm mhux ċar għal liema raġuni.

40.Din il-Qorti ma fehmitx kif il-Qorti tal-Maġistrati kkonkludiet li dawn iċ-ċekkijiet kienu inħarġu sabiex jitħallas lura Roberto Bartolo li minn naħa tiegħu ma kienx għadda l-flus lill-imputat in kambju għaċ-ċekkijiet. Semmai l-imputat appellant ma kienx għadda l-ħlasijiet relattivi lil Bartolo għall-flus versati lilu preċedentement tant li l-Qorti sabet lill-appellant ħati li kien approprja ruħu indebitament mill-flejjes versati lilu minn Bartolo u ordnat lill-appellant biex iħallas l-import totali tal-erba' ċekkijiet.

41.Din il-Qorti rat ukoll li l-enfażi li kienet saret mill-Qorti tal-Maġistrati relattivament għas-sejbien ta' ħtija tagħha fir-rigward tar-reat ta' approprijazzjoni indebita konċentrata fuq il-kwistjoni li donnha l-aktar kienet importanti għall-Bartolo u ċjoe l-eżitu tal-ħdax il-elf mitejn u ħamsa u għoxrin euro li Bartolo jgħid li kienu ġew mislufa lill-appellant u li l-appellant jiċħad. Il-Qorti tal-Maġistrati ma semmiet xejn fir-rigward tax-xiehda ta' Bartolo li jgħid li l-flejjes li kellhom jiġu riċevuti għan-negozju tal-kumpanija Eco Export Limited ġew mgħoddija fil-kontijiet ta' Elevators D.C

Limited, wieħed jifhem fuq struzzjonijiet tal-appellant; jew ix-xiehda ta' David Farrugia meta jgħid li kien jaf li kien hemm xi flejjes li kienu naqsu mill-kont ta' Elevators D.C Limited ad opera tal-appellant u li ma kienx jaf jekk dawn ġewx ritornati lura.

42. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati relattivament għas-sejbien ta' ħtija fir-reat t'approprjazzjoni indebita kienet tistrieh fuq dan is-self magħmul minn Bartolo lill-appellant u mhux minn xi transazzjonijiet finanzjarji oħra li suppost kellhom isiru relattivament għall-posizzjoni soċjetarja tagħhom.

43. Dawn il-konsiderazzjonijiet kienu jistrieħu fuq il-fatt li l-appellant kien issellef flus mingħand Roberto Bartolo u l-appellant ma onorax l-obbligu tar-radd lura tal-flejjes. Kif irriżulta ċar mill-provi huwa ta lil Roberto Bartolo erba' cekkijiet li pero gew *referred to drawer*. Il-Qorti tal-Maġistrati qieset li l-flus li kien irċieva l-appellant, huwa kien użahom a beneficcju tiegħu. Biss dik il-Qorti tgħid li madanakollu, ma ħariġx ċar mill-provi jekk l-appellant kienx irċieva dawn il-flus għall-użu tiegħu personali jew jekk kienx irċevihom minhabba x-xogħol tiegħu li kien jiġġestixxi. Konsegwentement irriteniet inapplikabbli l-Artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali. Biss jidher li l-argument li fuqu l-Qorti tal-Maġistrati sejset il-ħtija tal-appellant fir-reat t'approprijazzjoni indebita jidher li kien li l-appellant irċieva diversi somom ta' flus mingħand Bartolo li huwa approprija ruħu minnhom u għamel użu minnhom skont kif deherlu, biex imbagħad naqas milli jħallas l-ammonti lura

billi ppreżenta erba' ċekkijiet minn tliet kontijiet bankarji differenti li pero baqgħu ma ssarfux min għal raġuni u min għal oħra.

44. Din il-Qorti tqis li dawn il-konsiderazzjonijiet waħedhom mhux suffiċjenti biex jintegraw ir-reat t'approprijazzjoni indebita f'każ meta l-oġġett konsenjat mis-suġġett passiv ikunu flejjes mogħtija b'self lis-suġġett attiv *sic et simpliciter*. Is-self tal-flus jimporta l-konsenja ta' *res fungibiles* minn min qed jislef lil min jissellef. Fis-self, il-proprjeta fil-flejjes li jkunu ġew mislufa tgħaddi mill-partimonju ta' min qed jislef għal dak ta' min ikun qiegħed jissellef, li, jekk ma jkunx miftiehem minn qabel skop speċifiku għal tali self, jista jiddisponi minn dawk il-flejjes kif jidhirlu. In-nuqqas ta' ħlas lura tal-ammont misluf *per se* fejn ma jkunx sar ftehim dwar l-iskop self innifsu, ma jistax jitqies li jintegra ir-reat tal-approprijazzjoni indebita. Dan peress li mal-mument tas-self, min jislef ma jistax jgħid li huwa kien għad għandu l-pussess fuq dawk il-flus mislufa. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina*** deċiż fil-15 ta' Frar 2000 :-

> Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

45. Dik hija kwistjoni li taqa' purament fir-relm ċivili, azzjonabbli quddiem il-Qorti ċivili kompetenti u mhux quddiem din il-Qorti. Biex flejjes mislufa jistgħu jkunu l-meritu tar-reat t'approprijazzjoni indebita jeħtieġ fattispecie partikolari marbuta mhux daqstant mal-fatt tas-self ta' flus innifsu u n-nuqqas ta' ħlas daqskemm mal-mod kif tali self ikun sar u jekk ikunx hemm skop

partikolari dwar kif dawk il-flejjes mislufa kellhom jiġu mħadma jew użati jew minfuqa.

46. Mix-xiehda ta' Roberto Bartolo jirriżulta li huwa silef l-ammonti ta' flus indikati fl-erba' ċekkijiet li ma ssarfux; iżda l-ispjegazzjoni tiegħu dwar ir-raġunijiet u l-iskopijiet ta' dan is-self ma kienux ċari ħafna. Bartolo jgħid li huwa ġieli silef flus lill-appellant għal raġunijiet personali tal-appellant – mingħajr ma jispeċifika x'kienu dawn ir-raġunijiet personali tiegħu. Jgħid li xi drabi kien silfu xi flejjes marbuta max-xogħol tiegħu, għax kien jgħidlu li kien qiegħed xott mill-likwidita'. Bartolo jisħaq ukoll li l-appellant kien ġieli talbu flus minħabba li ried iħallas il-*credit card*. Drabi oħra sabiex iħallas l-impjegati li l-appellant kellu miegħu. Dwar il-kumplament tal-flus, a fol 44 et Bartolo jgħid li *l-oħrajn kollha bil-Malti ċuċata hekk, jitlobni l-affarijiet l-hemm u l-hawn*.

47. It-total ta' dawn iċ-ċekkijiet li skont Bartolo kienu jirrappreżentaw l-import ta' dan is-self kien jammonta għal ħdax il-elf mitejn ħamsa u għoxrin euro (€11,225). Bartolo jisħaq li huwa qatt ma rċieva ħlas jew flus mingħand l-appellant.

48. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati meta tgħid li mill-provi ma kienx ċar dan is-self lil min kien ingħata (fis-sens liema kien għal skop soċjetarju u liema ma kienx) u għal liema raġuni. Il-problema li din il-Qorti tirriskontra hi n-nuqqas ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar liema ammonti ta' flus ġew mislufa lill-appellant, jekk u liema ammonti ġew mislufa b'xi skop partikolari u f'każ li dawn ġew mislufa bi skop partikolari

jekk l-appellant kienx uża dawn il-flejjes in linea mal-iskop pattwit o meno – fis-sens jekk self mogħti bi skop partikolari ġiex utilizzat mill-appellant għal dak l-iskop jew għal skopijiet oħra. Dan qiegħed jingħad minħabba t-tifsira tar-reat mhux biss mill-Liġi iżda wkoll kif żviluppat mill-ġurisprudenza lokali u dik Taljana.

***Ikkunsidrat : -***

49. Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita huwa regolat bl-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, b'dan il-mod : -

> 293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.
>
> 294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.

50. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** deċiż fid-9 ta' Ġunju 1998 il-Qorti għaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana r-reat bħala li huma:

> Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.
>
> Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei: "La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne

danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

L-awtur Taljan Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano [vol IV - p.102, para 1949 u p. 105 - para 1951] jghid is- segwenti:
"Il reato di approprazione in debita e' perfetto colla conversione della cosa altrui in profitto a proprio o di un terzo, independentemente dall'effettivo ricavo della conversione."

Il-Carminiani fil-ktieb tieghu Elementi Iuris Criminali - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:-
"il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e' contro la volonta del propretario stesso e' converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e' a proprio lucro e commodo."

Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e' da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija vs Joseph Mifsud deciza nhar it-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija vs Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il-Pulizija vs Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija vs Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997).

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

Skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antonio Pisani, gie deciz li r-reat ta' appropriazzjoni indebita jigi kkunsmat meta l-oggett f'data jigi

aljenat mhux skond l-ghan li jinghata.

L-Imhallef Harding fil-ktieb tieghu Recent Criminal Cases Annotated no. 24 - pagna 52, meta qed jikkummenta fuq is-sentenza fuq imsemmija jghid: "The Court of three judges held that the prevailing opinion is that the offence is completed as soon as the sum or thing is fraudulently misappropriated, that is, misapplied with the intention of converting it to one's own profit or that of another and the actual disposal is not necessary for the completion of the offence. As soon as a sum or thing is misappropriated, there is an usurpation of the right of ownership."

51.Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. John Gauci***, deċiż fl-14 ta' Frar 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "...taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l- agent ma jkunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers.

52.Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Concetta Charles*** deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2013, ġie deċiż is-segwenti:

Dwar in-natura tal-misappropriijazzjoni indebita, il-Qorti tal-Appell Kriminali esprimiet ruħha diversi drabi. Fil-21 ta' Novembru, 1953 fis-sentenza fl-ismijiet 'Il- Pulizija versus Giuseppe Cauchi' il-Qorti kienet qalet hekk:

Dwar l-elementi in ġenerali

'Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede. Xejn ma jiswa biex ihassar dan ir-reat il-fatt li l-persuna danneggjata tkun hadet proceduri civili biex tigbor flusha; ghax l-azzjoni civili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali.'

Fil-każ 'Il-Pulizija vs George Bellizzi', il-Qorti qalet hekk:

'Id-disposizzjoni nostrana fuq l-approprjazzjoni indebita hi aktar ampja minn dik li tinsab fil-Kodici Kriminali Taljan.

Fil-ligi tagħna anki min jagħmel użu mill-oggetti fdati lilu diversi mill-uzu specifikat mill-persuna li kkonsenjatlu l-oggett u dan l-uzu divers jaghmlu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, ikun hati ta' dan ir-reat.'

L-element intenzjonali b'mod speċifiku

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ismijiet 'Il-Pulizija vs Siegfried Borg Cole', kien deċiż hekk dwar l-element intenzjonali tal-misappropriјazzjoni indebita:

'F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' terzi. L-appellat la kellu x-xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement għax ittardja li jaghmel il-konteġġi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jagħmel profitt minn dik il-konversjoni.'

F'każ ieħor 'Il-Pulizija vs Raymond Falzon', l-istess Qorti qalet hekk dwar l-intenzjoni:

'Ghalkemm huwa veru li, ghall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, certi awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju), tali intenzjoni, izda, trid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.'

53. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Francesco Saverio sive Francis X Aquilina*** deċiż fil-15 ta' Frar 2000, ġie mistqarr li :-

Meta kumpanija tuza l-flus li tkun gabret bhala VAT sabiex tkompli topera bihom, dik il-kumpanija tkun qed tikkometti r-reat ta' approprazzjoni bla jedd; anzi dan hu kwazi kaz klassiku ta' approprjazzjoni indebita. U f'dak il-kaz ikun hemm, kif diga nghad, ir-responsabilita' vikarja ta' kull direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' dik il-kumpanija.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Ottubru, 1941 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Karmnu Catania giet identifikata d-differenza bejn r-reat ta' serq kif spjegat aktar 'il fuq u dik ta' approprazzjoni ndebita, w cioe' sabiex tissusisti l-figura ta' approprazzjoni ndebita w mhux il-figura tas-serq, hemm bzonn li l-haga li tkun giet approprijata tkun giet konsenjata w fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu determinat.

Skond gurisprudenza kostanti w anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:
1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del posesso, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma s-serq. (Dan hu proprju dak li gara fil-kaz in desamina ghaliex il-konjugi Mallia taw is-somma ta' hamest elef lira maltin (LM5,000) b'mod volontarju lill-imputata ghalkemm skond ftehim esebit fl-atti.
2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.
3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;
4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibiegha jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;
5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Ali Abdulla Bakush fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett

kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici taghna.

In generali jinghad li fid-dottrina b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara Crivellari dei reati contra la proprieta – pg. 498; ediz. 1998).

Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-
" la dolosa appropræzione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di dominio e da uso determinato."

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar t-tnejn ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-erbatax ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-hamsa w ghoxrin ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-ghoxrin ta' Ottubru, 1997.)

B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghal beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghal pattijiet stipulati in buona fede.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid:
"L'appropazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."

"gie rilevat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sbatax ta' April 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v Raymond Falzon, l-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-'volontarieta delle conversione con scienza della sua illegitimita e del fine di lucro' [Maino Op. Cit. p. 105]."

Dan ir-reat, jiddistingwixxi ruhu mir-reati ta' serq ghax l-oggett ikun gie moghti lill-agent volontarjament, u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur, u jiddistingwixxi ruhu mit-truffa ghaliex

id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent [vide Il-Pulizija v Enrico Petroni et deciza nhar d-disgha ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.]

Kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza Il-Pulizija v Joseph Muscat deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu 1997 "L-element partikolari tar-reati ta' approprjazzjoni indebita, mhux l-uzu ta' ingann da parti tal-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-intenzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand s-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza deciza nhar il-hamsa ta' Jannar, 1999 fil-kawza fl-ismijiet Il-Puliizja v Joseph Mary Silvio, fejn gie deciz u kkonfermat ghal darb'ohra li sabiex ikun hemm l-approprijazzjoni indebita, l-oggett li jkun sar uzu minnu hazin irid ikun jinsab legittimament fil-pussess tal-agent, gie provat fil-kaz in desamina.

Antolisei ("Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale, fl-ewwel volum, pagna 316 sa pagna 331) jghid :
Per quanto concerne la consumazione del reato deve escludersi che sia necessario che l'agente abbia conseguito un profitto perche' dalla formola dell'articolo 646 si desume in modo inequivocabile che il profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il fine a cui la volonta' si deve dirigere. Non c'e' dubio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.

"Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (Commento al Codice Penale Italiano, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105.

54. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Vincent Farrugia*** intqal li :

Il-konkluzjoni li ghalhekk trid necessarjament tasal ghaliha din il-Qorti hi certament li ma jistghax jinghad dak li qed jissottometti l-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant. Il-konkluzjoni hi li effettivament l-ammont fil-meritu kien dovut mill-appellant u qatt ma kien gustifikat li jzommu u ma jibghatux lid-

dipartiment tal-VAT bhala parti minn dik it-taxxa dovuta ghall-perijodu fuq imsemmi. Ghalhekk bil-fatt li b'dan l-eghmil tieghu l- appellant zamm ghalih dak li kien legalment tal-Gvern, hu gie li uza dawk l-istess flus ghal skop iehor u mhux dak li kien intiz li jintuzaw. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk jiffigura perfettament ir-reat ta' l-approprijazzjoni indebita ai termini ta' l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk din il-Qorti mhiex ser tvarja dak li ddecidiet l-ewwel Qorti.

55.Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali : ***Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada*** tal-1 ta' Marzu 1952 :-

id-delitt tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad- detenzjoni ta' dik il-haga.

56.Illi fil-Kodiċi Penali Taljan, ir-reat t'approprijazzjoni indebita huwa regolat bl-artikolu 646 u jaqra hekk : -

Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il possesso, e' punito, a querela della persona offesa, con la reclusione da due a cinque anni e con la multa da euro mille a euro tremila.

56. Illi dan juri somiljanza kbira bejn dan l-artikolu u dak Malti regolanti l-approprijazzjoni indebita fis-sens li fiż-żewġ liġijiet irid ikun hemm l-elementi :

(a) Oġġetti mobbli jew flejjes tas-suġġett passiv,

(b) li l-pussess tagħhom jkun ġie volontarjament konsenjat mis-suġġett passiv lis-suġġett attiv (taħt obbligu tar-restituzzjoni jew li jsir użu minnhom skont kif speċifikat);

(c) bis-suġġett attiv japproprja ruħu minnhom, billi jagħmel att ta' konverżjoni tal-oġġett mobbli jew flejjes ċjoe jittratta l-oġġett jew il-flus tas-suġġett passiv konsenjati lilu daqslikieku kienu tiegħu,
(d) bil-ħsieb li jagħmel qliegħ għalih (jew għal ħaddieħor) minn tali konverżjoni.

57. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Italja tat-2 t'Ottubru 2017 ġie deċiż li:-[12]

> Il reato di appropriazione indebita non può configurasi in riferimento a una somma di denaro che sia transitata al soggetto per mezzo di un regolare contratto di mutuo. Cosa succede se non restituiamo dei soldi che ci sono stati prestati**?** Rischiamo di subire una condanna penale**?**
>
> Di questa questione si è occupata la Corte di Cassazione, con la sentenza n. 24857 del 18 maggio 2017. Nel caso esaminato dalla Cassazione, la Corte d'appello di Salerno, in parziale riforma della sentenza di primo grado, emessa dal Tribunale della stessa città, aveva confermato la condanna di tre imputati per il reato di "***appropriazione indebita***" (art. 646 c.p.), riducendo, tuttavia, agli stessi le pene inflitte.
>
> Secondo la Corte d'appello, doveva essere, infatti, confermata la **penale responsabilità degli imputati**, in quanto gli stessi si erano **illegittimamente appropriati di una somma di denaro**, pari a Euro 30.000,00, che era stata loro **prestata da una stretta parente**.
>
> Ritenendo la decisione ingiusta, gli imputati decidevano di rivolgersi alla Corte di Cassazione, evidenziando che, nel caso di specie, non era stato commesso il reato di "*appropriazione indebita*". Osservavano gli imputati, infatti, che, nel caso di specie era stato stipulato un **contratto di mutuo** (art. 1814 c.c.) con la parente, con la conseguenza che le **somme di denaro** sono **entrate nel patrimonio dei mutuatari** e l'**originario proprietario** non poteva più affermare di averne il possesso.
>
> Mancherebbe, dunque, secondo i ricorrenti, il presupposto stesso del reato di "*appropriazione indebita*", il quale richiede, per definizione, che ad un soggetto sia tolto il possesso di un determinato bene.

[12] <https://www.brocardi.it/notizie-giuridiche/commette-appropriazione-indebita-avuto-soldi-contratto-mutuo/1132.html> aċċessat 12 ta' Frar 2020.

La Corte di Cassazione riteneva, in effetti, di dover dar ragione ai tre imputati, accogliendo il relativo ricorso, in quanto fondato.

Secondo la Cassazione, infatti, in caso di **prestito di una somma di denaro**, il reato di **appropriazione indebita** può dirsi configurato solo quando la somma sia stata prestata affinchè il soggetto la utilizzi per un **preciso e determinato scopo** e il medesimo, invece, **la utilizzi per uno scopo diverso**, **violando il vincolo fiduciario** con colui che gli ha prestato i soldi.

Al contrario, in caso di semplice **mancata restituzione della somma** concessa in prestito senza un determinato scopo, la condotta non costituisce "*appropriazione indebita*", in quanto "*con il* ***mutuo****, per definizione, il* ***denaro versato transita dalla proprietà del mutuante a quella del mutuatario****, che è* ***libero di disporne*** *secondo i propri voleri*".

Nel caso di specie, dunque, poiché, dagli accertamenti effettuati i corso di causa, era emerso che il soggetto aveva dato in prestito la somma di denaro agli imputati, "*i quali ne avevano bisogno per sostenere alcune spese personali*", la mancata restituzione della stessa non poteva dirsi idonea ad integrare un ipotesi di "*appropriazione indebita*". Ciò considerato, la Corte di Cassazione **annullava la sentenza** resa dalla Corte d'appello, **assolvendo** gli imputati dal reato di "*appropriazione indebita*", "***perché il fatto non sussiste***".

58. Għar-raġunijiet spjegati aktar il-fuq, in-nuqqas ta' ħlas ta' ammont misluf *per se*, ma jagħtix lok għal azzjoni t'approprijazzjoni indebita kontra d-debitur li ma jħallasx. Il-fatt li ċ-ċekkijiet ġew *referred to drawer per se* ma jintegrax dan ir-reat, għalkemm setgħa wassal għal reat ieħor.

59. Biex jissussisti r-reat t'approprjazzjoni indebita fil-każ ta' self ta' flus, irid jiġi pruvat li l-flus mislufa jkunu ġew mislufa bi skop preċiż u determinat u min jissellef minflok jużahom skont kif pattwit jagħmel użu minnhom għal skop divers, b'mod għalhekk li jikser il-kelma mogħtija u l-fiduċja ta' dak li jkun silfu l-flus.

60. Issa f'dan il-każ il-pern tal-kwistjoni hija li Roberto Bartolo mhux dejjem kien ċar dwar l-iskop għal xiex huwa kien silef il-flejjes lill-appellant. Bartolo jgħid li huwa xi drabi silfu dawn il-flejjes għal skopijiet personali – mingħajr ma jispeċifika dawn l-iskopijiet x'kienu. Bartolo jisħaq li l-appellant kien ġieli talbu flus minħabba li ried iħallas il-*credit card*, u drabi oħra sabiex iħallas l-impjegati li l-appellant kellu miegħu. F'dan il-każ ma ġiex pruvat la li l-appellant uża dawn il-flejjes għall-iskop pattwit u l-anqas li użahom għal skop divers minn dak pattwit. Dwar dawn il-flejjes il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat t'approprjazzjoni indebita.

61. Bartolo jixhed li drabi oħra huwa kien silef il-flus lill-appellant għal skopijiet ta' natura li kellha x'taqsam max-xogħol tal-appellant, fosthom li jkunu mħalsin pagi tal-impjegati. F'dan il-każ Bartolo ma jgħidx li silifhom lill-kumpanija tal-appellant iżda jgħid li silifhom lill-appellant. Biss Bartolo ma jixhedx li l-appellant naqas milli jadopera l-flejjes mislufa lilu għal dak l-iskop. Bartolo ġustament jilmenta li huwa ma tħallasx ta' dawk il-flejjes li kien silef għal dak il-għan. Iżda dan, waħdu, ma jġibx miegħu il-konsegwenzi li l-appellant ikun jista' jiġi ritenut ħati tar-reat ta' approprijazzjoni indebita sakemm ma jkunx pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellant uża l-flejjes għal skopijiet oħra minn dawk miftehma ma Bartolo. Din il-prova f'dan il-każ hija nieqsa wkoll. Dwar il-kumplament tal-flus, a fol 44 et Bartolo jgħid li *l-oħrajn kollha bil-Malti ċuċata hekk, jitlobni l-affarijiet l-hemm*

*u l-hawn*. Din hija xiehda dubbjuża immens u din il-Qorti ma tistax tistrieħ fuqha bħala indikattiva ta' xi skop partikolari.

62. L-ilment ta' Bartolo li huwa ma tħallasx l-ammont misluf irid jinżamm separat u distint mill-ilment li huwa kellu li l-appellant setgħa għamel użu divers minn dak miftiehem wara dak is-self partikolari. U fil-fatt kien hemm almenu episodju wieħed fejn ġie pruvat soddisfaċentement lill-Qorti tal-Maġistrati li Bartolo kien silef ammont ta' flus lill-appellant għal skop ta' ħlas ta' materjal xogħol – mingħajr ma huwa kien ra dan il-materjal b'għajnejh! Dan is-self tal-flus għalhekk f'dan il-każ ma kienx wieħed magħmul in bjank, mingħajr ebda skop speċifiku, jew bi skop inċert. Bartolo jgħid li huwa kien silef xi **<u>tlett elef euro</u>** lill-appellant biex dan jixtrihom materjal, iżda Bartolo dan il-materjal qatt ma raħ. Fuq din l-istqarrija ta' Bartolo, ladarba l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tistrieħ fuq ix-xiehda tiegħu, setgħet ukoll issib ħtija tar-reat t'approprijazzjoni indebita da parti tal-appellant fir-rigward ta' dan l-ammont misluf u adoperat għal użu divers minn dak speċifikat u maqbul.

63. Inoltre, din il-Qorti ma tqisx li l-appellant ressaq prova, anke sal-grad tal-probabbli, li huwa verament kien ikkumpensa lill-Bartolo tal-ammont ta' flejjes reklamati minn Bartolo b'ċekk ta' tnax il-elf euro skont kif qal fl-istqarrija. Din id-dikjarazzjoni tal-appellant ma ssib ebda konfort ta' dokumenti jew xiehda oħra.

64. Mill-banda l-oħra, fid-dawl ta' nuqqas ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li turi li l-ammonti kollha msemmija minn

Bartolo kienu ġew approprijati indebitament mill-appellant, din il-Qorti ma tqisx li l-ordni tar-restituzzjoni taħt l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali tista' titħalla fuq l-ammonti kollha reklamati minn Bartolo. Din l-ordni ta' restituzzjoni trid tkun marbuta mal-ammonti ta' flus li huma penalment rilevanti; b'dan pero li tali restituzzjoni iħalli impreġudikati kwalunkwe pretensjonijiet ċivili kompetenti lill-Bartolo skont il-Liġi.

## *Decide : -*

Għaldaqstant din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell ta' Charles ABELA billi tilqgħu *in parte* fis-sens illi din il-Qorti qegħda tirriforma s-sentenza appellata billi : -

a. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u minnha illiberatu minn kull ħtija u piena;
b. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija u li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ordnat li dik is-sentenza ma għandhiex tidħol fis-seħħ sakemm l-appellant ma jikkommettix delitt ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza;
c. tvarjaha f'dik il-parti fejn għamlet l-ordni ta' kumpens ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali billi minflok tordna lil appellant iħallas lil Roberto Bartolo s-somma ta' ħdax il-elf mitejn u ħamsa u għoxrin euro (€11,225) minflok tordnalu li jħallas is-somma ta' tliet elef euro (€3,000).
d. U tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***